31999L0046

L 139/25 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 2.6.1999

# ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 1999/46/KE

## tal-21 ta' Mejju 1999

## li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/16/KEE sabiex tiffaċilita l-moviment liberu tat-tobba u r-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħra ta' kwalifiki formali

**(Test b'relevanza għaz-ZEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u partikolarment l-Artikolu 40, l-Artikolu 47(1) u (2), l-ewwel u t-tielet sentenzi, u l-Artikolu 55 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 93/16/KEE tal-5 ta' April 1993 sabiex tiffaċilita l-moviment liberu tat-tobba u r-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi, iċ-ċertifikati u l-provi oħra ta' kwalifiki formali ([1]), kif l-aħħar emendati bid-Direttiva tal-Kummissjoni 98/63/KE ([2]), u partikolarment l-Artikolu 44a tagħha,

(1) Billi l-Italja għamlet talba rraġunata biex jiġu emendati it-titoli tal-mediċina tal-ġinekologija-ostetrika, l-oftalmologija u l-mediċina respiratorja għal dak l-Istat Membru fil-lista tal-mediċina speċjalizzata komuni għall-Istati Membri kollha, u biex jiġu emendati it-titoli tal-bioloġija klinika, il-mikrobioloġija-bakterioloġika, il-kirurġija plastika, il-gastro-enteroloġija, l-endokrinoloġija u l-fisioterapija għal dak l-Istat Membru fil-lista ta' mediċina speċjalizzata partikulari għal żewġ Stati Membri jew aktar;

(2) Billi l-Italja għamlet talba rraġunata biex jiġu nklużi t-titoli tal-kimika bioloġika, ir-radioloġija djagnostika, r-radioterapija u l-ġerjatrika għal dak l-Istat Membru fil-lista ta' mediċina speċjalizzata partikulari għal żewġ Stati Membri jew aktar: Billi, rigward ir-radioloġija diagnostika u r-radioterapija, il-lista ta' mediċina speċjalizzata komuni għall-Istati Membri kollha għandha għalhekk tiġi emendata;

(3) Billi Spanja u l-Italja għamlu talba rraġunata biex tiġi inkluża l-mediċina komunitarja għal dawn l-Istati Membri fil-lista ta' mediċina speċjalizzata karatteristika għal żewġ Stati Membri jew aktar;

(4) Billi l-miżuri pprovduti b'din id-Direttiva huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' l-Uffiċjali Għolja dwar is-Saħħa Pubblika stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 75/365/KEE ([3]).

([1]) ĠU L 165, tas-7.7.1993, p. 1.
([2]) ĠU L 253, tal-15.9.1998, p. 24.
([3]) ĠU L 167, tat-30.6.1975, p. 19.

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*L-Artikolu 1*

L-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 93/16/KEE huwa emendata kif ġej:

(a) taħt "ġinekoloġija-ostetrika" it-titolu "ostetricia e ginecologia" li jidhru faċċata ta' "l-Italja" jinbidel bit-titolu "ginecologia e ostetrica",

(b) taħt "oftalmoloġija", it-titolu "oculistica" li tidher faċċata ta' "l-Italja" jinbidel bit-titolu "oftalmologia",

(ċ) taħt "mediċina respiratorja", it-titolu "tisiologia e malattie dell'apparato respiratorio" li jidhru faċċata "l-Italja" jinbidel bit-titolu "malattie dell'apparato respiratorio",

(d) iż-żewġ punti li ġejjin huma miżjuda:

"— *radioloġija diagnostika*

| | |
|---|---|
| Il-Belġju: | radiodiagnostic röntgendiagnose, |
| Il-Danimarka: | diagnostisk radiologi eller røntgenundersøgelse, |
| Il-Ġermanja: | Radiologische Diagnostik, |
| Il-Greċja: | ακτινοδιαγνωστική, |
| Spanja: | radiodiagnóstico, |
| Franza: | radiodiagnostic et imagerie médicale, |
| L-Irlanda: | diagnostic radiology, |
| l-Italja: | radiodiagnostica, |
| Il-Lussemburgu: | radiodiagnostic, |
| L-Olanda: | radiodiagnostiek, |
| L-Awstrija: | Medizinische Radiologie-Diagnostik, |
| Il-Portugall: | radiodiagnóstico, |
| Il-Finlandja: | radiologia radiologi, |
| L-Isveżja: | medicinsk radiologi, |
| Ir-Renju Unit: | diagnostic radiology, |

— *Radioterapija*

| | |
|---|---|
| Il-Belġju: | radio- et radiumthérapie/ rado- en radiumtherapie, |
| Id-Danimarka: | terapeutisk radiologi eller strälebehandling, |
| Il-Ġermanja: | Strahlentherapie, |
| Il-Greċja: | ακτινοθεραπευτική, |
| Spanja: | oncologia radioterápica, |
| Franza: | oncologie, option radiothérapie, |
| L-Irlanda: | radiotherapy, |
| L-Italja: | radioterapia, |
| Il-Lussemburgu: | radiothérapie, |
| L-Olanda: | radiotherapie, |
| L-Awstrija: | Strahlentherapie-Radioonkologie, |
| Il-Portugall: | radiotherapy radiodiagnóstico, |
| Il-Finlandja: | syöpätaudit ja sädehoito-; cancersjukdomar och radioterapi, |
| L-Isvezja: | onkology, |
| Ir-Renju Unit: | radiotherapy." |

*L-Artikolu 2*

L-Artikolu 7(2), tad-Direttiva 93/16/KEE huwa mmodifikat kif ġej:

(a) taħt "bioloġija klinika", it-titolu "patologia diagnostica di laboratorio" li tidher faċċata ta' "l-Italja" jinbidel bit-titolu "patologia clinica",

(b) taħt "mikrobioloġija bakterioloġika", it-titolu "microbiologia" li tidher faċċata ta' "L-Italja" jinbidel bit-titolu "microbiologia e virologia",

(ċ) taħt "kimika bioloġika", dan li ġej huwa miżjud:

"L-Italja: biochimica clinica".

(d) taħt "kirurġija plastika", it-titolu "chirurgia plastica" li tidher faċċata ta' "L-Italja" jinbidel bit-titolu "chirurgia plastica e ricostruttiva",

(e) taħt "gastro-enteroloġija", it-titolu "malattie dell'apparato digerente, della nutrizione e del ricambio" li tidher faċċata ta' "L-Italja" tinbidel bid-deskrizzjoni "gastroenterologia";

(f) taħt "endokrinoloġija", it-titolu "endocrinologia" li tidher faċċata ta' "L-Italja" tinbidel bit-titolu "endocrionologia e malattie del ricambio";

(g) taħt "fisioterapija" id-deskrizzjoni "fisioterapia" li tidher faċċata ta' "l-Italja" tinbidel bid- deskrizzjoni "medicina fisica e riabilitazione";

(h) taħt "geniatrika", dan li ġej huwa miżjud:

"L-Italja: geriatria'";

(i) taħt "mediċina komunitarja", dan li ġej huwa miżjud:

"Spanja: medicina preventiva y salud pública

L-Italja: igiene e medicina sociale".

(j) it-termini "radioloġija diagnostika" u "radioterapija" huma mħassra.

*L-Artikolu 3*

Dawn li ġejjin huma miżjuda mat-tieni grupp (erba' snin) fl-Artikolu 26 tad-Direttiva 93/16/KEE:

"— radjoloġija diagnostika

— radioterapija'".

*L-Artikolu 4*

Dawn li ġejjin huma mħassra mit-tieni grupp (erba' snin) ta' l-Artikolu 27 tad-Direttiva 93/16/KEE:

"— radjologija diagnostika

— radjoterapija".

*L-Artikolu 5*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1999. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni hekk kif jagħmlu dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, id-disposizzjonijiet għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'din referenza fil-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-arranġamenti għal din ir-referenza għandhom jiġu adottati mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-test tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*L-Artikolu 6*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*L-Artikolu 7*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-21 ta' Mejju 1999.

*Għall-Kummissjoni*

Mario MONTI

*Membru tal-Kummissjoni*